**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti Istruttorja

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joanna Piscopo)**
**vs**
**Gerard Farrugia**

**Illum 3 ta' Novembru, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Gerard Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' 387796M.

Akkuzat talli nhar it-2 ta' Novembru, 2020 u fil-granet ta' qabel gewwa l-Msida u diversi partijiet tal-gzejjer Maltin:

1. Ikkaguna lis-siehba u omm it-tifel tieghu Michela Mallia biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222 u 202(h)(iv), meta l-akkuza kien qabel instab hati ta' delitti ta' natura simili u dan bi ksur tal-Artiklu 251B(1) u l-Artiklu 251H(a)(b)(f)(h)(i) tal-Kapitlu 9.

2. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lis-siehba u omm it-tifel tieghu u cioe' Michela Mallia u/jew gab ruhu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan ikun ta fastidju ghal dawn

il-persuni u dan bi ksur tal-artikolu 251A(1)(a)(b), Art 251HA Art. 202, Art. 222(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U akkuzat ukoll talli nhar it-3 ta' Novembru 2020 bejn 11:00 hrs u 23:00 hrs, gewwa l-Msida u diversi partijiet tal-gzejjer Maltin;

3. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Michela Mallia. Art 339(1)(e) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, ghael uzu iehor mhux xieraq bih. Art. 49(c) Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Gerard Farrugia a beneficcju ta' Michela Mallia u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' Michela Mallia u l-familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Gerard Farrugia b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi Gerard Farrugia sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qrat u kkonfermat bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 3 ta' Novembru, 2020.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', certifikat tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok JP1; fedina penali tal-imputat immarkat bhala Dok JP2; certifikat mediku mmarkat bhala Dok JP3; dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali mmarkata bhala Dok JP4; referral for domestic violence unit immarkata bhala Dok JP5; rapport mill-

Appogg immarkat bhala Dok JP6; okkorrenza mmarkata bhala Dok JP7; stqarrija tal-imputat immarkata bhala Dok JP8.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar it-3 ta' Novembru, 2020.

Semghet li l-imputat, ezatt wara dawn il-proceduri, kien se jimpenja ruhu sabiex il-parte civile tirtira l-effetti mobbli li hemm fil-pussess tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu anke wara li ikkonsulta ma' l-avukat difensur tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni cara u inekwivoka u bikrija tal-imputat, kif ukoll il-fedina penali tieghu. Ghalhekk fic-cirkostanzi thoss li piena karcercarja ma tkunx wahda idoneja fic-cirkostanzi.

**Decide:**

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikoli 222 u 202(h)(iv), 251B(1), 251H(a)(b)(f)(h)(i), 251A(1)(a)(b), 251HA, 202, 222(1), 339(1)(e), 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 339 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Gerard Farrugia** hati tal-imputazzjonjiet kif dedotti kontra tieghu, tapplika l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum. Inoltre u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 382A u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Michela Mallia qed tpoggi lill-imputat that Ordni ta' Trazzin ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment.

Il-Qorti tordna li din is-sentenza tigi mibghutha lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Magistrat**

**Nadia Ciappara**

**Deputat Registratur**